MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 227/1999/1

Jennifer Said bhala mandatarja specjali ta’ Victor u Mary Ann konjugi Vella, u b’degriet tas-17 ta’ Lulju, 2003, il-gudizzju gie trasfuz f’isem Jennifer mart Noel Said, minflok missierha Victor Vella li miet fil-morti tal-kawza .

vs

Peter Paul Cini .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet :

Illi fl-ghoxrin (20) ta’ Ottubru, elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) il-konvenut Peter Paul Cini waqt li kien qed isuq il-vettura tal-marka Toyota pick-up bin-numru tar-registrazzjoni GAJ 264 u proprjament f’parti bejn Triq il-Kappillan Frangisk Vella u Triq Goma, investa lill-attrici Mary Ann Vella ;

Illi l-konvenut Peter Paul Cini kien unikament responsabbli ta' l-imsemmi incident minhabba traskuragni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu ;

Illi l-attrici sofriet feriti ta' natura gravi u dan kif inccertikat mit-tobba li kkurawha, tant li kellha wkoll tigi operata ;

Illi per konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici ma tistax tkompli taghmel ix-xoghol tad-dar u giet dipendenti fuq hadd iehor tant illi hija u zewgha kellhom jinkarigaw u jhallsu lill-uliedhom sabiex jaghmlu x-xoghol kollu tad-dar u jduru bihom l
Illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex bonarjament jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi, huwa baqa' dejjem inadempjenti .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-konvenut Peter Paul Cini huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi ;

2. Tillikwida ghalhekk id-danni u spejjez kollha sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi u dan jekk hemm bzonn permezz ta' perit li ghandu jigi nominat ghal din il-fini;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut Peter Paul Cini sabiex ihallas lill-atturi d-danni u spejjez kollha hekk sofferti u likwidati .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta f'Gunju elf disa' mija u disgha u disghin (1999) u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment ma' din ic-Citazzjoni lis-socjeta' ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa l-konvenut huwa mharrek .

Bl-imghaxijiet skond il-ligi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attrici nomine kkonfermata bil-gurament taghha .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa :

1. Illi in linea preliminari l-prokura favur Jennifer Said ma hijiex maghmula fil-forma stabbilita mil-ligi sabiex mandatarja tkun tista’ tipprezenta citazzjoni f’isem persuna residenti fl-istess Gzira u ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju .

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ic-citazzjoni odjerna hija rrita u nulla in kwantu giet iffirmata mill-Magistrat f’data qabel ma giet prezentata – haga li tattakka radikalment l-istess citazzjoni u twassal ghan-nullita’ taghha; u ghalhekk ukoll l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi ghall-incident in kwistjoni ma huwiex responsabbli l-konvenut izda hija responsabbli unikament u esklussivament Mary Ann Vella minhabba l-manuvar azzardata ghall-ahhar imwettqa minnha ;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma huwiex veru illi l-attrici sofriet xi debilita permanenti per konsegwenza tal-incident de quo, u dan kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut mahlufa minnu .

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Mejju 2000 fejn innominat lill-avukat Dottor Kevin Mompalao bhala perit legali sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali pprezentata fid-9 ta' Ottubru 2002 u debitament mahlufa minnu fil-21 ta' Jannar 2003 .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha .

Rat il-verbal taghha tat-2 ta' Ottubru 2003 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza .

Rat in-noti ta' Sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza fejn l-attrici nomine qed titlob li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident stradali fejn il-mandanti taghha Mary Ann Vella sfat investita minn *truck* misjuq minnu . Konsegwentement talbet ukoll il-likwidazzjoni tad-danni kkagunati lill-atturi minhabba dan l-incident u l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas l-ammont hekk likwidat.

L-incident in kwistjoni gara fiz-Zebbug, Ghawdex, go parti ta' triq fejn din tinqasam f'zewg toroq, u cioe' Gram Street ma' Triq Kappillan Frangisk Vella. Il-konvenut kien ipparkjat bit-*truck pickup* tieghu bil-faccata thares lejn hajt li hemm jifred dawn iz-zewg toroq[1] . L-attrici ntlaqtet bit-*truck* hekk kif il-konvenut kien qed jirriversja u hija kienet qed taqsam it-triq, wara li harget minghand hanut tal-merca sabiex tirritorna lejn darha fin-naha l-ohra tat-triq .

Fis-seduta peritali tad-9 ta' Ottubru 2002 il-konvenut irrinunzja ghall-eccezzjonijiet preliminari tieghu,[2] u ghalhekk mhux il-kaz li jigu ttrattati l-istess eccezzjonijiet .

L-unika xhieda okulari ta' dan l-incident kienu l-istess partijiet involuti u cioe' Mary Ann Vella u l-konvenut . Mill-

[1] Ara skizz redatt mis-surgent Joseph Mizzi u esebit a fol. 118 bhala Dok. JM. 2 .
[2] a fol. 106 tal-process .

okkorrenza redatta mis-surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz,[3] jirrizulta illi *a tempo vergine* Peter Paul Cini qallu illi :

"…. *He was parked facing the wall and as he started the vehicle, (he) looked at the back and as no one was coming he began to reverse . All of a sudden he heard a bang and stopped, got out and saw Vella on the ground*."

Mary Ann Vella tat is-segwenti versjoni :

"…. *While she was crossing the road, she was knocked to the ground by a reversing vehicle . She stated also that she didn't notice the driver looking backward before he start(ed) moving*."

Fid-depozizzjoni taghha quddiem il-perit legali Mary Ann Vella b'mod xi ftit aktar elaborat, spjegat l-incident hekk :

"*Jiena kont gejja mill-hanut tal-merca li jigi faccata tad-dar tieghi . Kienet naqsitni xi haga u mort ghaliha . Jien u gejja lura, kif kont qed naqsam, truck li kien rasu lejn il-hajt li jaqsam it-triq, beda jirriversja . Jien ghaddejt minn wara t-truck ghax minn quddiem ma stajtx nghaddi, ghax it-truck kellu rasu fil-hajt . Kif irriversja dahal go fija u waqqani . Hu waqaf dritt . Jien stordejt . Jien lilu ma rajtux jirriversja . Qabel ma qsamt, it-truck ma kienx startjat . Qabbad jien u naqsam . Meta kont naqsam jien, kont imbeghda cirka ta' disa' piedi mit-truck*.. "[4] (Din id-distanza f'seduta sussegwenti giet ikkoreguta ghal pied) .[5]

Il-konvenut da parti tieghu spjega l-incident bil-mod segwenti :

"*L-incident sehh ghall-habta tat-8.00 ta' filghodu…. Kont bit-truck tieghi ipparkjat ihares lejn il-hajt li jaqsam it-triq f'zewgt toroq . Kif hrigt u kont ser nirkeb, kemm qabel ma hrigt kif ukoll wara li rkibt, harist biex nara li t-triq clear . Ma rajt lil hadd . Irkibt, startjajt, ergajt harist 'l hawn u 'l hemm biex nara hux gej xi hadd ghax hemmhekk hemm*

[3] ara kopja esebita bhala Dok. JM. 1 a fol. 116 – 117 .
[4] ara depozizzjoni ta' Mary Ann Vella ta' l-1.7.00 a fol. 90 .
[5] a fol. 93 .

*zewgt toroq . Ma rajt lil hadd u bdejt nirriversja . F'daqqa wahda smajt habta mat-truck . Nghid li kont ghadni kemm qlajt . Forsi ccaqlaqt boghod ta' xi metru minn mal-hajt . Qabel ma tlaqt it-truck kien centimetri (cirka ta' pied) minn mal-hajt….*" [6]

Fid-depozizzjoni tieghu s-surgent Mizzi, apparti dak li nizzel fl-okkorrenza, zied iffisser illi :

"…. *Mistoqsi jekk wara li rajt il-post ta' l-incident il-pedestrian setghetx kienet mohbija f'xi parti tat-triq li ma setghetx tidher minn fejn kien it-truck, nghid li le . Nghid li Cini qalli li laqatha bil-kantuniera ta' wara tan-naha tax-xufier*." [7]

Il-perit legali, wara li sema' u qies il-provi prodotti, sab lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident stradali . Din il-konkluzjoni wasal ghaliha wara li ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet :

i. ghalkemm huwa dritt ta' kull *pedestrian* li jaqsam it-triq, dan id-dritt ma huwiex awtomatiku u kull pedestrian ghandu jzomm *a proper look out* ghal vetturi li jkun ghaddejjin fit-triq ;

ii. din l-attenzjoni trid tinzamm anke meta persuna qed taqsam minn fuq *pedestrian crossing* ;

iii. jirrizulta fil-kaz odjern li l-attrici kienet qed taqsam it-triq li f'nofsha kien hemm ipparkjat il-konvenut; meta hija kienet ferm qrib il-vettura, l-konvenut startja u beda jirriversja; kien mexa distanza ta' mhux aktar minn pied meta tajjar lill-attrici ;

iv. minn dan johrog il-fatt li meta l-konvenut qabbad il-vettura tieghu, l-attrici ma setghetx kienet aktar boghod minn pass jew tnejn mill-istess vettura;

v. sa ftit qabel, il-vettura tal-konvenut kienet mitfija u ma kien hemm l-ebda sinjal li din ser

---

[6] ara depozizzjoni Peter Paul Cini tal-11.6.02 a fol. 104 - 5 .

[7] seduta tad-19.7.01 a fol. 96 .

ticcaqlaq u minn vettura parkeggjata tinbidel f'wahda miexja ;

vi. ghalhekk ma kien hemm l-ebda indizji li setghu jallarmaw lil persuna ragonevoli bi *proper look out* fit-triq li dik il-vettura kienet ser tibda miexja ;

vii. li kieku l-attur qabbad il-vettura tieghu u beda miexi meta l-attrici kien ghadha f'certa distanza 'l boghod minnu, l-affarijiet kienu jkunu xort'ohra, peress illi f'dak il-kaz l-attrici kien ikollha hin u opportunita' bizzejjed sabiex tara l-vettura miexja u tiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex jigi evitat l-incident .[8]

Il-konvenut kkritika dawn il-konkluzjonijiet, ghax fil-fehma tieghu il-perit legali ma hax konsiderazzjoni sew tad-dmirijiet ta' persuna li tkun miexja fit-triq, u nfatti jiccita l-obbligi tal-*pedestrian* kif imnizzla fil-Highway Code.[9] Huwa jsib nuqqasijiet fil-vittma ghax :

i. ghazlet li taqsam mill-aktar parti wiesa tat-triq ;

ii. ma semghetx il-magna tal-vettura tieghu mixghula u lanqas rat ir-*reverse lights* mixghula ;

iii. mxiet qrib wisq tal-vettura b'mod li rrendiet ruhha nvisibbli ghall-konvenut .

Il-Qorti pero' ma taqbel xejn ma din il-kritika, u dan ghaliex :

i. il-konfigurazzjoni tat-toroq f'dawk l-inhawi ma tantx setghet tippermetti lill-vittma taghzel xi parti wisq anqas perikoluza mnejn taqsam, jekk almenu ma titbieghedx hafna mid-dar taghha li kienet proprju faccata tal-hanut fejn marret tixtri; dan zgur ma kienx mistenni minn mara ta' kwazi tmenin sena ;[10]

---

[8] ara relazzjoni peritali a fol. 71 – 72 .
[9] ara Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut a fol. 138 - 140 .
[10] ara skizz a fol. 118 .

ii. lanqas setghet tghaddi minn quddiem it-truck ghax huwa ammess illi dan kien ftit centimetri biss imbieghed mill-hajt ;

iii. il-fatt li kienet qrib hafna tat-truck x'hin intlaqtet, u l-konvenut ammetta mas-surgent li d-daqqa tahielha bil-kantuniera tan-naha tax-xufier, jindika illi l-vittma kienet qasmet parti sewwa tat-triq u anke lahqet waslet san-nofs x'hin inlaqtghet ;

iv. ma kellha ghalhekk l-ebda opportunita' tinduna fil-hin li l-konvenut kien sadanittant qabbad il-magna jew li kien hemm ir-*reverse lights* tat-truck mixghulin, aktar u aktar fid-dawl ta' filghodu, kif kien meta sehh l-incident *de quo ;*

v. ghall-kuntrarju, kien il-konvenut li ma zammx *a proper look out;* huma ammess minnu stess illi hares biss go l-mera tan-nofs tat-truck, ghax *side mirrors* ma kellux; evidentement minn hemmhekk ma setghax jara lill-vittma li kienet waslet proprju wara t-truck ;

vi. minn naha l-ohra lanqas huwa verosimili li l-vittma qabdet u qasmet proprju x'hin il-konvenut qabbad it-truck u beda jirriversja; zgur li mara ta' l-eta' avanzata li kellha dakinhar Mary Ann Vella ma setghetx taqsam it-triq b'daqstant velocita' li tispicca hekk malajr wara t-truck, b'tali mod li ma kellu ebda opportunita' jilmaha .

Tikkondividi ghalhekk il-konkluzjonijiet peritali f'dan ir-rigward u taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet u l-gurisprudenza ccitata fir-rapport peritali .

Ma tistghax tghid l-istess pero' ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni kif maghmula mill-perit legali . Dan illikwida d-danni kkagunati lill-atturi fis-somma ta' seba' telef tliet mija seba' u hamsin lira maltija (Lm7357), sad-data tar-relazzjoni tieghu .[11] Huwa wasal ghal din ic-cifra wara li ha in konsiderazzjoni s-segwenti :

i. spejjez medici: Lm2170

[11] ara konkluzjonijiet peritali a fol. 86 – 87 .

ii. lukri cessanti: Lm 750
iii. danni konsistenti fi hlas ta' servigi sad-9.12.2002 (meta tlesta r-
rapport peritali) : Lm4500.

M'hemm xejn x'jinghad dwar l-ispejjez medici. Dawn huma kollha kkoroborati bid-debiti ircevuti fiskali,[12] u jirreferu ghat-*treatment* li kellha tiehu l-vittma per konsegwenza tal-ksur li garrbet f'saqajha f'dan l-incident. Gie spjegat ukoll ghaliex l-operazzjoni mehtiega ma saritx fi sptar tal-Gvern . Din kienet ser issirilha fl-isptar Generali t'Ghawdex, pero' t-tabib kuranti taghha spjega kif ma kienx desiderabbli li ssir f'dan l-isptar billi ma kienitx ghadha nkisbet bizzejjed esperjenza dwar operazzjonijiet simili .[13] Hadd ma jlum ghalhekk lill-familjari tal-vittma li fittxew li jaghtuha l-ahjar kura possibbli u malajr kemm jista' jkun biex ma tintilifx sieqha .

Dwar it-telf ta' qliegh futur taqbel ukoll mal-perit legali illi f'kaz ta' persuna anzjana bhal ma kienet il-vittma, il-*lucrum cessans* ma jistghax jigi kkalkolat a bazi tal-formula stabilita fil-gurisprudenza lokali, billi din ma tista' tkun tilfet ebda qliegh futur dovut minn xi impieg minhabba kwalunkwe debilita' permanenti li tista' ssofri . Qal sew il-perit legali illi f'tali cirkostanzi l-Qrati taghna jiffissaw l-ammont dovut *arbitrio boni viri*, f'somma li normalment tvarja bejn hames mitt lira (Lm500) u elf lira maltija (Lm1000). Il-perit legali llikwida s-somma ta' seba mija u hamsin lira maltija (Lm750) ghal dan il-fini. Imma l-Qorti thoss illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u mehud in konsiderazzjoni ukoll dak li ser jinghad hawn taht, elf lira maltija (Lm1000) ghandha tkun somma aktar adegwata f'dan ir-rigward *.*

Ghandu ragun pero' l-konvenut jikkritika l-perit legali fejn dan illikwida ukoll ammont ulterjuri in konsiderazzjoni ghall-hlas ta' servigi li qeghdin jigu rezi minn ulied il-vittma lilha stess u lil zewgha . Huwa minnu li rrizulta li qabel l-incident il-vittma kienet ghadha relattivament b'sahhitha,u ghalkemm kienet tbati mid-diabete, ma tantx kellha bzonn

[12] ara dokti. JS. 2, 3, 4 u 5 a fol. 125 - 6 .
[13] ara depozizzjoni Dr. J. Xuereb Dingli tat-2.5.02 a fol. 101 – 103 .

ghajnuna . Irrizulta pero' illi wara l-operazzjoni f'sieqha, ghalkemm setghet terga' timxi bl-ghajnuna ta' *rest*, ma kienitx kapaci taghmel il-facendi tad-dar bhal qabel . Infatti bdiet anke tinghata l-kura ghal mard mentali . Imma ma rrizulta minn imkien illi din il-kundizzjoni kienet rizultat dirett ta' l-incident mertu tal-kawza . Ghalhekk kwalunkwe ammont likwidat ghal dan il-fini mill-perit legali ma jidhirx illi huwa gustifikat .

Ghaldaqstant l-ammont dovut in linea ta' danni ghandu jkun is-segwenti :

(i) kwantu ghad-*damnum emergens* : elfejn mija u seba' liri maltin (Lm2107) ;

(ii) kwantu ghall-*lucrum cessans*: elf lira maltija (Lm1000) .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara lill-konvenut Peter Paul Cini unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku deskritt fic-citazzjoni ;

2. tillikwida d-danni kkagunti lill-atturi fis-somma ta' tliet elef mija u seba' liri maltin (Lm3107) ; u

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati .

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut .
S22799Pc

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------